MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 122/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Susanna Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Susanna Spiteri detentrici tal-karta tal-identita` numru 72587(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-25 ta' Dicembru 2012 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija (22:15hrs) gewwa Triq il-Kampanella, Fgura, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fuq bieb ta' barra tar-residenza numru 238, Avalon, Triq il-Kampanella, il-Fgura, ghad-dannu ta' Geoffrey Vella u/jew persuni ohra liema valur tal-hsara jeccedi l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputata u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha u wara li semghet lill-parte civile li rrinunzja ghall-azzjoni u wara li semghet ix-xhied tal-imputata, qed issib lill-imputata Susanna Spiteri hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-

Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur (6) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------